MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Numru. 265/2001

**Il-Pulizija**

**vs**

**Caroline Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Caroline Grech ta' 21 sena, bint Carmelo u Elizabeth nee` Azzopardi, imwielda l-Pieta` fil-25 ta' April 1980, residenti Nru. 8, Marina Alley 3, Kalkara u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 244980(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' April 1999 u fl-ahhar tmintax-il xahar qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy* u LSD) meta ma kinitx awtorizzata kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u l-Artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

d) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Kellha wkoll fil-pussess taghha l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Akkuzata wkoll talli kisret il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Settembru 1998.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza fil-qosor kienu s-segwenti: Lejn l-ahhar ta' Jannar 1999, kienu qed isiru xi osservazzjonijiet fuq residenza ta' certu Joseph Sammut, gewwa Ta' Giorni u dan gie arrestat flimkien ma' persuni ohrajn, fosthom l-imputata, li giet arrestata fis-27 ta' Jannar 1999. Hija rrilaxxjat stqarrija dakinhar stess, fejn ammettiet li kienet abbuzat minn diversi tipi ta' droga[1]. Sussegwentement, fid-9 ta' April 1999, l-istess imputata regghet giet arrestata wara li, hekk kif innotat il-presenza tal-pulizija fuq il-post, giet osservatha minnhom tarmi qartas, suspettat li kien jikkontjeni droga kokaina. F'dik l-okkazzjoni, fuq il-persuna taghha, instabet ukoll *foil* li kienet tikkontjeni sustanza suspettata raza tal-*cannabis*.[2] L-imputata rrilaxxjat stqarrija ohra in konnessjoni ma' dan il-kaz fl-istess jum.[3]

Mir-relazzjoni esebita mill-Ispizjar Mario Mifsud[4], jirrizulta illi fil-blokka zghira ta' lewn kannella, f'ammont nett totali ta' 0.081 grammi, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, liema sustanza tigi mill-pjanta tal-*cannabis* u hija kkontrollata bil-ligi taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-trab ta' lewn il-krema, f'ammont nett totali ta' 0.242 grammi, instabet is-sustanza kokaina, li wkoll hija kkontrollata taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-ewwel kwistjoni li dwarha sejra tiddiciedi din il-Qorti hija l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata fis-27 ta' Jannar 1999 u fid-9 ta' April 1999 rispettivament.

Illi fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssottomettiet illi fil-waqt illi mhijiex qeghda tikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess illegali ta' raza tal-*cannabis*, kif

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 5 tal-process.
[2] F'dan is-sens ara x-xhieda tal-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Neil Harrison (a fol. 10 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' WPC 146 Joanne Scicluna (a fol. 19 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 1044 Gordon Calleja (a fol. 53 *et seq* tal-process).
[3] It-tieni stqarrija tinsab esebita a fol. 6 tal-process.
[4] Ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 57 tal-process.

lanqas ma kienet qeghda tikkontesta l-pussess illegali tal-kokaina, kienet qeghda madankollu tikkontesta l-ewwel imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-istess droga kokaina u l-imputazzjonijiet l-ohrajn dwar il-pussess illegali tal-eroina, l-*ecstasy u* l-LSD u tal-pjanta tal-*cannabis.* Dan stante illi l-unika prova li tressqet mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward hija l-istqarrija tal-imputata, liema stqarrija giet rilaxxjata minnha fi zmien meta hija ma kellhiex id-dritt ghall-parir legali qabel l-interrogazzjoni taghha u kienet persuna vulnerabbli. Ghalhekk, skond id-difiza, l-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata u ssibha hatja biss dwar il-pussess illegali tar-raza tal-*cannabis* u tad-droga kokaina.

Illi m'huwiex ikkontestat illi fil-jiem li fihom ittiehdu l-istqarrijiet tal-imputata, ossia fis-27 ta' Jannar 1999 u fid-9 ta' April 1999 rispettivament, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2012 u fit-12 ta' April 2012 rispettivament, **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013 u **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, inghad hekk fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellata f'dawk il-proceduri:

*"Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xhiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga' din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabbli illi facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni."*

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija fit-8 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Natassja Gouder**, fejn inghad hekk:

*" … ghad-determinazzjoni tal-valur probativ ta' stqarrija l-Qorti ma tridx tehodha "in isolation," izda ghandha tara dan id-dokument flimkien mal-provi l-ohra li jkunu ngiebu u jkun perikoluz jekk persuna tinstab hatja biss fuq l-*

*istqarrija u xejn aktar, jekk jezistu cirkostanzi illi jistghu jinfluwixxu negattivament il-valur probativ bhala perezempju l-vulnerabiltà tal-persuna illi tkun qieghda taghti din l-istqarrija.*

*Naturalment il-Qorti ma tistax taghti definizzjoni kategorika tat-tifsira tal-kelma vulnerabiltà peress illi dana jiddependi hafna mic-cirkostanzi ghall-ohra izda l-aktar ovvja hija l-età tal-persuna fejn età tenera hija aktar suxxettibbli ghal influwenza ta' ufficcjali investigattivi anki jekk dawn ikunu qieghdin ihejju l-investigazzjoni skont il-ligi u bil-kawteli kollha.*

*F'dan il-kaz il-persuna investigata kienet tfajla ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, veru età maggorenni, però ghal mod kif ikkomportat ruhha waqt l-investigazzjoni u bl-informazzjoni illi hija tat meta din ma kinitx mitluba hu ovvju illi l-appellata ma fhemet xejn mid-drittijiet taghha ghas-silenzju. Ghalhekk l-appellata ghandha titqies bhala persuna vulnerabbli u jkun perikoluz illi l-Qorti toqghod biss fuq l-istqarrija meta tigi biex tiddeciedi dwar il-htija peress illi dan johloq il-periklu illi l-appellata tinstab hatja meta ma kellhiex tinstab hatja.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, kwindi, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha taghti valur probativ gholi lill-istqarrija rilaxxata mill-appellata u jkun gust illi tigi skartata. Kif qalet l-ewwel Qorti "illi provi ohra, kif digà nghad aktar 'il fuq, li jistghu jissostanzjaw l-akkuzi ma hemmx." Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta illiberat lill-appellata."*

U sussegwentement fis-sentenza taghha moghtija ricentement fl-10 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ninian Mangion**, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Irrizulta mill-provi illi fl-elfejn u sitta (2006) meta l-appellant gie interrogat mill-pulizija kien ghadu kif ghalaq it-tmintax-il (18) sena u irrilaxxa zewg stqarrijiet wara illi nghata d-debita twissija. Fl-ewwel stqarrija l-appellant ammetta certa involviment bi ksur tar-regolamenti tal-Kap 101 mentri fit-tieni stqarrija l-appellant innega kollox. Ghall-Prosekuzzjoni dawn l-istqarrijiet kienu krucjali sabiex jippruvaw l-involviment tal-appellant fit-traffikar kif ukoll pussess ta' droga. Veru illi meta irrilaxxa l-istqarrijiet l-appellant kien ghall-fini tal-ligi maggorenni. Però l-Qorti ma tistax tinjora s-sitwazzjoni psikika illi zgur illi affettwat negattivament l-gudizzju tieghu dakinhar illi qed jirrilaxxa l-istqarrijiet.*

*…*

*Il-Qorti hija sodisfatta illi minkejja illi l-appellant ghalaq it-tmintax-il sena ma kienx psikologikament lest ghall-hajja adulta u kien ghadu qed ibati minn dawk l-effetti trawmatici ta' bullying kif ukoll id-dislexia u disprezia illi kien qed ibati bihom.*

*Fis-sentenza preliminari taghha din il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza "Il-Pulizija versus Paul Cutajar" fejn il-vulnerabiltà tal-persuna hija determinanti hafna sabiex jitqies il-valur probativ ta' stqarrija minnu irrilaxxata. Il-vulnerabiltà m'ghandhiex età. Minbarra l-kriterji msemmija fl-art. 208AC (2) tal-Kap. 9, persuna tista' tkun jew ma tkunx vulnerabbli kemm meta tkun taht l-età u anki ta' età maggorenni; kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari ta' dik il-persuna.*

*Fil-fatt, f'kawza deciza llum stess "Il-Pulizija vs Clyde Bonavia" il-Qorti dehrilha li minkejja li l-appellant kien taht l-eta' meta rrilaxxa l-istqarrija dan ma kellux jitqies bhala vulnerabbli minhabba l-proceduri tieghu u d-dispozizzjoni li kellu dak iz-zmien ghal-hajja refrettarja.*

*Naturalment il-prezunzjoni ta' vulnerabbilita' hija aktar qawwija f'persuna taht l-età però anke persuna ta' età maggorenni tista' tkun vulnerabbli u soggett li tkun influwenzata u impressjonata mill-fatt illi tkun qed tigi interrogata mill-pulizija. Din il-Qorti kellha ukoll okkazjoni sabiex tidhol f'din il-kwistjoni fil-kawza "Il-Pulizija versus Natasha Gouder" deciza minnha stess fit-8 ta' Mejju 2014 fejn hawn ukoll persuna ta' età maggorenni giet dikjarata bhala persuna vulnerabbli skont ic-cirkostanzi partikolari taghha. U hekk ukoll din il-Qorti se taghmel f'din il-kawza. Meta tqis il-kondizzjoni psikika tal-appellant dan zgur illi ma kienx f'pozizzjoni illi jifhem id-drittijiet tieghu kif gew spjegati lilu qabel ma irrilaxxa stqarrija. L-ufficcjali tal-pulizija setghu kienu korretti u skont il-ligi meta huma ipprocedew biex jiehdu l-istqarrija tal-appellant. Però b'daqshekk ma jfissirx illi l-appellant fehem jew kien f'pozizzjoni li jifhem id-drittijiet tieghu u mehud in konsiderazzjoni l-passat ricenti tieghu u l-kondizzjoni psikika zgur illi dan ghandu jitqies bhala persuna vulnerabbli u l-istqarrijiet minnu rilaxxati f'dawk iz-zmienijiet m'ghandhomx jitqiesu bhala parti mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu…"*

Jirrizulta car illi l-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputata huma bazati esklussivament fuq l-istqarrijiet rilaxxjati minnha u dan fi zmien meta l-istess imputata kellha tmintax-il sena u kienet waslet biex taghlaq dsatax-il sena. *Prima facie* wiehed jista' jghid illi tenut kont tal-eta` tal-imputata fiz-zmien in kwistjoni, hija kienet persuna vulnerabbli. Biss, kif inghad fis-sentenzi fuq citati, l-eta` m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tiehu kont taghha l-Qorti meta tigi biex tikkunsidra l-vulnerabbilita` o meno ta' individwu. Kif inghad, persuna tista' tkun minorenni, izda c-cirkostanzi jistghu jkunu tali illi qajla wiehed ikun jista' jqis lil dik il-persuna bhala vulnerabbli. F'dan il-kaz jirrizulta fl-ewwel lok mill-fedina penali tal-imputata illi dak iz-zmien, hija diga` kienet giet ikkundannata dwar serq aggravat u ghalhekk din zgur illi ma kinitx l-ewwel esperjenza taghha ta' ambjent ta' interrogazzjoni. In oltre kemm minn harsa lejn l-ewwel stqarrija, kif ukoll lejn it-tieni stqarrija, jirrizulta car illi l-imputata fehmet sewwa t-twissija li nghatat lilha mill-Ufficjal Investigatur illi kellha d-dritt li tibqa' siekta u ma tirrispondi ghall-ebda domanda li kienet ser issirilha, tant illi ghalkemm irrispondiet ghal hafna mid-domandi li sarulha, biss kien hemm numru ta'

domandi li ghazlet li ma twegibx ghalihom, kif kellha kull dritt li taghmel. Ghalhekk la darba l-imputata kienet selettiva f'dak li ghazlet li tirrispondi u f'dak li ghazlet illi ma tirrispondix, ma jistax jinghad illi hija ma fehmitx sewwa d-dritt taghha tas-silenzju. Veru wkoll illi jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation*, illi l-imputata ghamlet attentat ta' suwicidju f'Settembru 2011 u kienet qeghda tigi segwita minn psikjatra f'dak iz-zmien fuq Ordni ta' Trattament, izda dan jirrizulta li sehh diversi snin wara z-zmien li fih l-imputata rrilaxxjat l-istqarrijiet in kwistjoni u m'hemm xejn fl-atti li jindika li l-imputata kienet qeghda ssofri minn xi problemi ta' sahha mentali. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax tqis lill-imputata bhala persuna vulnerabbli fiz-zmien li tttiehdulha dawn l-istqarrijiet u ghaldaqstant qed tqis illi l-istess stqarrijiet ghandhom valur probatorju. Terga' u tghid imbaghad, fit-tieni okkazzjoni, l-imputata nstabet fil-pussess ta' bicca raza tal-*cannabis* u ta' qartas kokaina – provi dawn li jkomplu jikkorroboraw dak li tghid l-imputata fit-tieni stqarrija taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Mill-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputata[5] jirrizulta illi hija ammettiet illi madwar tlett xhur qabel abbuzat mid-droga eroina u illi xi sena qabel, abbuzat mill-kokaina, mill-*ecstasy*, mill-LSD, mir-raza u mill-haxixa ossia *cannabis* grass. Sussegwentement, fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnha[6], wara li nstabet fil-pussess tar-raza tal-*cannabis* u giet osservatha tarmi qartas bil-kokaina, hija stqarret illi l-istess qartas suppost kien fih nofs gramma u xtratu Lm20. Qalet ukoll illi l-flus kienu ta' haddiehor u li xoghlha kien biss li ccempel sabiex tixtri l-kokaina u li tixtriha. Hija kompliet tghid illi kienet xtrat il-qartas bil-kokaina ghal haddiehor, izda kienet qeghda tispera li jaghtuha xi ftit minnu. Stqarret ukoll illi l-blokka tal-*cannabis* li nstabet fuqha kienet taghha.

[5] A fol. 5 tal-process.
[6] A fol. 6 tal-process.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputata giet akkuzata bil-pussess aggravat tad-droga kokaina, ossia pussess ta' droga f'tali cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha. Jirrizulta car mill-provi prodotti, illi l-imputata kienet fil-pussess tad-droga kokaina u mill-istqarrija rilaxxjata minnha, jirrizulta wkoll illi mhux talli din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv taghha, talli proprjament kienet intiza ghall-haddiehor, izda hija kienet qeghda tittama li tinghata xi ftit minnha. F'dawn ic-cirkostanzi, jirrizulta ampjament illi l-pussess tal-kokaina da parti tal-imputata kien wiehed aggravat ai termini tal-ewwel imputazzjoni. Lanqas ma jista' jinghad illi dan kien kaz ta' *sharing*, kif tissottometti d-difiza fit-trattazzjoni taghha, ghaliex l-imputata ammettiet hija stess illi l-kokaina kienet intenzjonata ghal haddiehor u mhux ghaliha u li hija kienet semplicement qeghda tittama li tinghata ftit minn din id-droga.[7] *Semmai* kemm il-darba t-terza persuna li ghaliha kienet intenzjonata din id-droga kienet taghti minnha lill-imputata, hemmhekk allura kien jiffigura r-reat ta' traffikar *by sharing* da parti tat-terza persuna, apparti possibiliment reati ohrajn taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata.

Fir-rigward tat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, jirrizulta car mill-istqarrijiet rilaxxjati minnha (u fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, mill-fatt ukoll illi fil-pussess taghha kellha bicca blokka zghira tar-raza tal-*cannabis*) illi hija kienet abbuzat mis-sustanzi kollha msemmija fl-istess imputazzjonijiet fil-perjodu indikat fic-*charge sheet* odjerna.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata wkoll gew ippruvati sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi.

---

[7] Ara l-interpretazzjoni tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**.

Permezz tas-sitt imputazzjoni, l-imputata giet akkuzata wkoll talli kisret il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Settembru 1998. Din is-sentenza, madankollu, baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sodisfacentement.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tar-reati in kwistjoni. Ikkunsidrat ukoll li l-ammont tad-droga li nstab fil-pussess taghha kien wiehed minimu ossia bicca raza tal-*cannabis* zghira f'piz nett totali ta' 0.081 grammi u trab li fih instabet il-kokaina, f'piz nett totali ta' 0.242 grammi.

Ikkunsidrat ukoll il-kundizzjoni ta' sahha li tinsab fiha llum l-imputata u x-xhieda moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation*, Maryanne Zammit[8], fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011, fejn qalet illi fis-17 ta' Settembru 2011, l-istess imputata ghamlet tentattiv ta' suwicidju bir-rizultat li kellha tinqatalha saqajha tal-lemin. F'dan iz-zmien, kienet tircievi wkoll kura psikjatrika. Tenut kont ghalhekk ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, kif ukoll tal-fatt illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 1999, il-Qorti ser tapplika l-piena ta' prigunerija tassattiva fil-minimu taghha fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Fir-rigward tar-rimanenti imputazzjonijiet li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, il-Qorti ghall-istess ragunijiet, jidhrilha illi la piena ta' prigunerija effettiva u lanqas piena ta' multa ma tkun piena idonea.

**Konkluzjoni**

[8] A fol. 69 *et seq* tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni (f) migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnha, izda qed issibha hatja tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (d) u (e) u tikkundannaha fir-rigward tal-imputazzjoni (a), **piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' erba' mija u sebghin Euro (€470)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohrajn li taghhom qed tinstab hatja, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sena, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tidhol fis-sehh hekk kif il-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi b'din is-sentenza erogata.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hatja sabiex thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fil-mori ta' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez rigwardanti r-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tletin Lira Maltin (Lm30) ekwivalenti ghas-somma ta' disgha u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88), liema somma ghandha tithallas fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qeghda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs illi l-hatja tinzamm gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli u illi tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja. Qeghda wkoll tordna li din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi, kemm il-darba hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' *Probation* jew jekk tonqos milli ssegwi l-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

Finalment, il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument NH2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------